

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 158/2014****tad-9 ta' Lulju 2014****li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2015/93]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98, Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 ⁽¹⁾.
- (2) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 5, il-kliem " , fil-programm imsemmi fl-erbatax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2014" jiddaħħlu wara l-kliem "fil-programm imsemmi fit-tlettax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2012".
2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-paragrafu 8:
" — **32013 R 1381**: Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62).

Il-Liechtenstein jipparteċipa biss fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mil-linja baġitarja 33 01 04 01 għall-programm Nefqa ta' sostenn għal Drittijiet u Ċittadinanza u mil-linja baġitarja 33 02 02 għall-programm Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza.

In-Norveġja tingħata eżenzjoni milli tipparteċipa fil-programm u milli tħallas kontribuzzjoni finanzjarja għalih."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 3*Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.